Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

NEETs – Żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u rispons għall-politiki fl-Ewropa

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

Il-futur qrib tal-Ewropa jiddependi mill-94 miljun ċittadin Ewropew ta' bejn il-15 u d-29 sena. Minbarra l-isfidi li ż-żgħażagħ ħabbtu wiċċhom magħhom tul ġenerazzjonijiet sħaħ huma u jibdew il-vjaġġ fil-ħajja adulta, din il-ġenerazzjoni ser tgħix f'era ta' globalizzazzjoni sħiħa u ser ikollha tkampa mar-responsabbiltà ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Għalhekk il-fatt li ż-żgħażagħ intlaqtu b'mod tant qawwi mill-kriżi ekonomika huwa fenomenu li qed iħasseb qatigħ. Fosthom kien hemm biss 34% li kellhom xogħol fl-2011 – l-inqas ċifra li qatt ġiet irreġistrata mill-Eurostat. Iċ-ċifri tal-qgħad huma wkoll konferma ta' suq tax-xogħol li qed isir dejjem iktar diffiċli għaż-żgħażagħ; sa mill-bidu tar-riċessjoni, il-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied b'1.5 miljun, tant li fl-2011 laħaq il-5.5 miljuni (jew 21%).

Għalkemm dawn l-istatistiċi huma serji ferm, xorta ma jirrappreżentawx b'mod adegwat is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ, mhux l-inqas minħabba l-fatt li ħafna minnhom huma studenti u b'hekk ma jitqisux parti ġewwiena tal-forza tax-xogħol. Għaldaqstant dawk li jfasslu l-politiki tal-UE dejjem qed jużaw iktar il-kunċett ta' NEET – 'barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ'. Fil-prinċipju d-definizjoni hija ċara, tirreferi għal dawk li bħalissa ma għandhomx xogħol, mhumiex irreġistrati f'xi taħriġ u lanqas ma huma kklassifikati bħala studenti. Huwa kejl tad-distakk mis-suq tax-xogħol u forsi wkoll mis-soċjetà inġenerali.

Dan ir-rapport jixtarr is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ fl-Ewropa, b'enfażi speċifika fuq il-grupp ikkategorizzat bħala NEET. Jeżamina l-fatturi li jistabbilixxu l-appartenenza lill-grupp NEET, u jkejjel l-ispejjeż ekonomiċi u soċjali tan-NEETs. Barra dan ir-rapport jivvaluta wkoll kif il-politika fl-Istati Membri ppruvat tgħin liż-żgħażagħ biex ideffsu saqajhom fis-suq tax-xogħol.

Kuntest tal-politika

Fuq il-livell tal-UE n-NEETs jitqiesu wieħed mill-iktar gruppi problematiċi fil-kuntest tal-qgħad fost iż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni Ewropea wieġbet permezz tal-inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 *Żgħażagħ fl-Azzjoni* u *L-Inizjattiva dwar l-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ* 2012–2013. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jisfruttaw il-potenzjal taż-żgħażagħ kollha u jsejħu għat-teħid ta' azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet, min-negozji u mis-sħab soċjali tal-Istati Membri u mill-UE sabiex tiġi ttrattata din l-isfida taż-żgħażagħ. Jinxteħet fokus speċjali fuq it-twittija tat-triq lura lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fuq il-ħolqien ta' kuntatt mas-suq tax-xogħol. Fl-2012 il-Pakkett tal-Impjiegi tal-Kummissjoni Ewropea 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' reġa' xeħet dawl fuq il-bżonn li jiġu pprovduti opportunitajiet liż-żgħażagħ, filwaqt li saħaq fuq l-importanza li jitnaqqsu r-rati drammatiċi tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u fuq l-istejtus ta' NEET permezz ta' miżuri li jgħinu t-tranżizzjoni lejn il-ħajja tax-xogħol.

Il-Kummissjoni Ewropea introduċiet indikaturi ġodda, bħar-rata ta' NEET, biex tissorvelja s-suq tax-xogħol u s-sitwazzjoni soċjali taż-żgħażagħ u biex tiffaċilita l-paragun bejn l-Istati Membri fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020. Din tkabbar il-viżibbiltà fuq il-kwistjonijiet taż-żgħażagħ u ssaħħaħ il-qagħda taż-żgħażagħ fl-aġenda politika.

Sejbiet ewlenin

Skont il-Eurostat, fl-2011, 7.5 miljun ċittadin żagħżugħ/a ta' bejn il-15 u l-24 sena u 6.5 miljun ċittadin żagħżugħ/a oħrajn ta' bejn il-25 u d-29 sena kienu esklużi mis-suq tax-xogħol u mill-edukazzjoni fl-Ewropa. Dan jikkorrispondi ma' żieda notevoli fir-rata ta' NEETs: fl-2008 din iċ-ċifra kienet 11% fost dawk ta' 15–24 sena u 17% fost dawk ta' 25–29 sena;

sal-2011 din żdiedet għal 13% u 20% rispettivament. Hemm varjazzjonijiet wiesgħa bejn l-Istati Membri, b'rati li jvarjaw minn ċifri t'inqas minn 7% (il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi) sa 17% (il-Bulgarija, l-Irlanda, l-Italja u Spanja).

In-NEETs huma popolazzjoni ferm eteroġenika. Hemm it-tendenza li l-ikbar sottogrupp ikun magħmul minn dawk li jkunu qiegħda b'mod konvenzjonali. Sottogruppi vulnerabbli oħrajn jinkludu l-morda u ż-żgħażagħ b'diżabbiltà u ż-żgħażagħ li jkun qed jieħdu ħsieb lil ħaddieħor. Is-sottogruppi mhux vulnerabbli jinkludu lil dawk li jkunu sempliċement waqfu mix-xogħol ħalli jistrieħu u lil dawk li jkunu impenjati b'mod kostruttiv f'attivitajiet oħrajn bħall-arti, il-mużika u attivitajiet awtodidattiċi. Il-fattur komuni fost dawn huwa l-fatt li mhumiex jiġbru kapital uman permezz ta' metodi formali.

Uħud miż-żgħażagħ huma f'riskju ikbar li jaqgħu fil-grupp NEET minn oħrajn. Dawk b'livelli baxxi ta' edukazzjoni għandhom tliet darbiet iktar ċans li jsiru NEET apparagun ma' dawk b'edukazzjoni terzjarja, mentri ż-żgħażagħ bi sfond ta' immigrazzjoni għandhom tendenza ta' 70% iktar li jsiru NEET apparagun maċ-ċittadini lokali. Iż-żgħażagħ li jbatu minn xi tip ta' diżabbilià jew problemi tas-saħħa għandhom tendenza ta' 40% iktar li jsiru NEET apparagun ma' dawk f'saħħithom. Anki l-kuntest tal-familja għandu influwenza kruċjali.

Il-kundizzjoni NEET iġġib konsegwenzi negattivi fuq l-individwu, is-soċjetà u l-ekonomija. Il-ħin imqatta' bħala NEET jista' jikkaġuna firxa wiesgħa ta' żvantaġġi soċjali, bħal nuqqas ta' kuntentizza, ġejjieni professjonali insikur, kriminalità ġovanili u problemi tas-saħħa mentali u fiżika.

Fl-2011 it-telf ekonomiku li rriżulta mid-diżimpenn ta' żgħażagħ mis-suq tax-xogħol kien €153 biljun. Din hija biss stima konservattiva u tirrappreżenta 1.2% tal-PDG Ewropew. Hemm varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri, iżda wħud mill-pajjiżi qegħdin iħallsu l-prezz partikularment għoli ta' 2% jew iktar mill-PDG tagħhom: il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja u l-Polonja.

In-NEETs huma f'riskju ogħla ta' esklużjoni politika u soċjali. Apparagun mal-kontropartijiet tagħhom li ma jaqgħux fil-grupp NEET, in-NEETs għandhom livell drammatikament iktar baxx ta' interess politiku u ta' impenn politiku u soċjali u livell iktar baxx ta' fiduċja.

Indikazzjonijiet tal-politika

Il-politiki li ġew implimentati mill-Istati Membri jintervjenu fuq bosta stadji fil-mixja lejn l-impjieg u għandhom miri, għanijiet u attivitajiet estremament varjati. Għad illi diffiċli ssir valutazzjoni tal-effikaċja tagħhom, xorta jistgħu jiġu identifikati għadd ta' prattiki tajbin fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki:

- Il-miżuri tal-politiki jridu jiġu diversifikati, jindirizzaw problemi differenti fi ħdan il-mixja lejn l-impjieg u jagħtu attenzjoni speċjali lil gruppi vulnerabbli differenti li għandhom l-ogħla probabbiltà li jġarrbu bosta żvantaġġi f'daqqa.

- Huwa partikularment importanti li jitqies kemm il-benefiċjarji jkunu tabilħaqq lesti għas-suq tax-xogħol. Filwaqt li dawk li jkunu l-iktar lesti jiggwadanjaw mill-inizjattivi msejsa fuq il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, oħrajn qabelxejn ikollhom jittrattaw ostakli personali qabel jibdew jeħdu sehem fi programmi tal-impjiegi.

- Trid titwitta triq fit-tul u sostenibbli għaż-żgħażagħ. Mhuwiex biżżejjed li jinstabu soluzzjonijiet għal żmien qasir. Iż-żgħażagħ jeħtieġu xogħol ta' kwalità tajba, stabbli u sostenibbli. Dan jinkludi l-għoti tal-kwalifiki meħtieġa sabiex jirnexxilhom jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol.

- L-involviment ta' firxa ta' partijiet interessati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri dwar l-impjiegi għaż-żgħażagħ huwa essenzjali. B'mod partikulari, jenħtieġ livell qawwi ta' impenn mal-impjegaturi u mar-rappreżentanti tagħhom ħalli jittieħdu miżuri li jiffokaw fuq it-trawwim tal-impjegabbiltà tal-benefiċjarji tagħhom.

- Il-miżuri tal-impjiegi għaż-żgħażagħ għandhom jissejsu fuq il-klijenti u mhux fuq il-forniturі. Dan ifisser li għandhom jinħasbu għal mogħdijiet differenti, pereżempju, minn rotot ta' tagħlim popolari għal mogħdijiet ta' tagħlim personalizzati u appoġġjati.

- Il-politiki li jirnexxu jkunu innovattivi. Għandhom jintroduċu modi ġodda kif jolqtu lill-gruppi li jkollhom fil-mira, billi jagħtu sehem importanti lill-komunikazzjoni fl-isforzi ta' kuntatt ma' żgħażagħ li nqatgħu 'l barra. L-inċentivi u l-kampanji ta' 'branding' u ta' kummerċjalizzazzjoni jistgħu jkunu utli fil-kuntest ta' servizzi iktar universali tal-impjiegi għaż-żgħażagħ.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport, *NEETs – Young people not in employment, education or training: Characteristics, costs and policy responses in Europe* (NEETs – Żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u risponsi għall-politiki fl-Ewropa), jinsab fuq www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1254.htm

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Massimiliano Mascherini, Maniġer tar-Riċerka, fuq mam@eurofound.europa.eu